MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 33/2005/1

**Carmel sive Charles Camenzuli u martu Helen**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'rikorsipprezentat fit-18 ta' Mejju, 2005 quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) ir-rikorrenti ppremettew illi:

Huma ilhom joqghodu bhala unika residenza taghhom u ta' uliedhom fil-fond 1B, Windwill Street, Valletta;

Sussegwentement il-Kummissarju tal-Artijiet, ghaliex il-Gvern qal li ghandu progett, beda jinsisti mal-esponenti li johorgu mill-fond li kien id-dar taghhom.

B'ordni mahruga taht il-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Kummissarju tal-Artijiet fuq l-awtorita' tieghu nnifsu moghi bil-ligi, u minghajr htiega jew access ghal decizjoni ta' xi qorti jew tribunal, iddekreta li l-esponenti qed jokkupa l-fond in kwistjoni jew parti minnu bla titlu u kien qed jordna l-izgumbrament taghhom.

Din mhix semplicement diskrezzjoni amministrattiva li dwarha tista' ssir kawza halli Qorti tezamina l-att amministrattiv. Certament mhux *ultra vires* il-Kummissarju tal-Artijiet u dan ghas-semplici raguni li l-ligi nfisha taghtih is-setgha fuq kull Qorti u fuq kulhadd, u bil-firma tieghu, minghajr ma jaghti raguni jordna l-izgumbrament.

Ghalhekk l-esponenti m'ghandu l-ebda rimedju ordinarju. Ghalhekk kellu jirrikorri ghal rimedju kostituzzjonali.

Il-lamentali tal-esponenti huma dawn li gejjin:

1. Il-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta kollu kemm hu jivvjola l-Art. 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk ghandu jigi dikjarat null u bla effett. Kif inhi miktuba din il-ligi, il-poter gudizzjarju huwa eskluz ghal kollox, u l-persuna li tkun tirrisjedi f`bini jew art tal-gvern, li jista' jkollha titlu, m'ghandha l-ebda rimedju biex jigi dikjarat li ghandha titlu u ma tistax titkecca.

2. Dan il-Kap, huwa diskriminatorju favur il-Gvern u kontra l-inkwilin jew detentur, ghaliex ma hemmx l-istess regoli li japplikaw, kieku kien post privat. Il-kuntratti tal-gvern mhux l-istess bhall-kuntratti privati, u l-inkwilin ma ghandu hemm l-ebda protezzjoni, l-anqas dik li jadixxi tribunal imparzjali u ndipendenti. Dan jikkostitwixxi ksur tal-Art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-

Bniedem. Din hija diskriminazzjoni mill-istat u mil-legislazzjoni tal-istat bejn inkwilin u detentur ta' fond tal-istat u l-istess persuna jew is-sid taghha jkun il-gvern.

3. Fil-kaz partikolari l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet jivvjola l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea stess peress li qed ifixkel lill-familja Camilleri fid-drittijiet tal-hajja familjari u tad-dar taghhom.

4. Inoltre l-esponenti qed isofru lezjoni taht l-artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni Ewropea. L-izgumbrament huwa indhil fil-possessions taghhom, u dan mhux bil-mod u bil-kawteli previsti mill-istess Konvenzjoni.

Talbu biex din l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara l-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta jivvjola l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-Artikolu 6(1), u l-Artiklu 14 tal-istess Konvenzjoni, u ghalhekk huwa null u bla effett.

(2) Tiddikjara li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet, fil-kaz in dizamina, jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Art. 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, u ghalhekk l-istess ordni mahrug minnu hija nulla u bla effett, u ghandha titqies bhala mhux maghmula u kancellata.

(3) Taghti kull rimedju iehor opportun, inkluz il-hlas ta' danni ghall-vjolazzjonijiet imsemmija.

(4) Taghti immedjatament ordni lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jiddesisti bla pregudizzju sakemm tigi deciza din il-vertenza biex hekk ma ssirx vjolazzjoni ohra, u cioe` li l-esponenti ma jkollhomx rimedju effettiv mill-awtoritajiet nazzjonali u dan skont l-Artiklu 13 tal-istess Konvenzjoni.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-intimati li in forza taghha eccepew illi:

**Eccezzjonijiet Preliminari**

1. L-esponenti m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti li ghalhekk m'ghandhom ebda *locus standi* fil-kawza odjerna stante li huma la ghandhom u lanqas qatt kellhom titlu fuq il-fond 1B Windmill Street, Valletta u dan peress li l-unici kerrejja rikonoxxuti mill-Kummissarju tal-Artijiet kienu originarjament missier ir-rikorrent Vincent Camenzuli u mal-mewt tieghu giet rikonoxxuta omm ir-rikorrent Salvina Camenzuli. Ghalhekk meta l-kirja giet terminata lill-kerrejja Salvina Camenzuli fil-31 ta' Marzu, 2005 ir-rikorrenti ma kellhom ebda dritt jibqghu fil-fond in kwisjtoni tant li l-istat attwali taghhom huwa ta' *squatters.*

2. In vista tas-suespost ir-rikors promotur mhu xejn hlief frivolu, vessatorju u qed isir b'abbuz tal-process gudizzjarju in kwantu ir-rikorrenti qed jippruvaw jinqdew b'kull mezz sabiex itawlu z-zmien li fih jibqghu jabitaw fil-post bla ebda dritt jew titolu fil-ligi.

3. Din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha taht l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 stante d-disponibilita` ta' mezzi ohra xierqa ta' rimedju (kuntrarjament ghal dak li qed jghid ir-rikorrent) senjatament il-procedura ta' stharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva taht l-Art. 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

4. Skont ir-rikorrenti l-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta kollu kemm hu jivvjola l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghax fi kliemhom *"m'ghandhom ebda rimedju biex jigu dikjarati li ghandhom titolu u ma jistghux jitkeccew"*.

5. L-esponenti jirribattu illi ghal kuntrarju m'hemm ebda ksur ta' dan l-Artikolu ghar-ragunijiet segwenti:

(i) Kif indikat fis-suespost, kwalunkwe azzjoni mehuda mill-Gvern abbuzi tal-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta hija azzjoni amministrattiva soggetta ghal procedura ta' *judicial review* quddiem il-Qrati Maltin taht il-Kap. 12

tal-Ligijiet ta’ Malta. Ghalhekk ir-rikorrenti mhux qed jigu negati l-access ghall-Qorti;

(ii) Subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, sabiex jinghata rimedju m’hemmx ghalfejn illi kull ligi tipprovdi ghal tribunal *ad hoc* meta jezistu, bhal f`dan il-kaz, strutturi gudizzjarji ohra, u cioe` l-Qorti nfisha, fejn ir-rikorrenti jistghu iressqu l-ilmenti taghhom;

(iii) Il-Kap. 228 mhux il-*forum* fejn wiehed ifittex li jipprova titolu;

(iv) Il-Qrati taghna kif inhuma mwaqqfa skont il-Kostituzzjoni ndubjament huma ndipendenti u mparzjali skont l-Artikolu 6(1) tal-istess Konvenzjoni u r-rikorrenti ma allegaw ebda fatt kuntrarju ghal dan;

(v) Ir-rikorrenti ilhom jabitaw mal-genituri ta’ Carmel Camenzuli ghal snin shah u allura jekk dehrilhom li seta’ kellhom xi titolu fuq il-fond kellhom kull opportunita` li jfittxu li jigu rikonoxxuti matul dawn is-snin;

(vi) Hadd mill-esponenti f’ebda stadju ma cahhad lir-rikorrenti milli jipprocedu quddiem il-Qrati, ghaldaqstant il-principju ta’ *fair hearing* gie rispettat.

Isegwi ghalhekk illi l-ewwel parti tal-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

6. Skont ir-rikorrenti l-Kap. 228 huwa diskriminatorju favur il-Gvern u kontra l-inkwilin jew detentur, ghaliex m’hemmx l-istess regoli li japplikaw, kieku kien post privat.

7. L-esponenti jirribattu li l-ewwel nett l-Artikolu 14 jipprotegi lill-individwu minn diskriminazzjoni u mhux jippromwovi l-ugwaljanza fit-trattament. Ghalhekk l-argument tar-rikorrenti li r-regoli m’humiex *“l-istess”* bhal dawk applikabbli kieku l-post kien privat huwa bla bazi.

8. Inoltre qatt ma tista' tallega diskriminazzjoni meta m'intix tqabbel *'like with like'*. Li kieku r-rikorrenti qed jigu trattati b'mod differenti minn dawk kollha li bhalhom qed jokkupaw fond proprjeta' tal-Gvern bla titolu validu fil-ligi, allura kien forsi jkollu xi argument. Izda dan mhux il-kaz. Ghalhekk ma jaghmel ebda sens li r-rikorrenti jallegaw diskriminazzjoni bejn minn qed jokkupa proprjeta' tal-Gvern bla titolu skont il-Kap. 228 u postijiet privati, anke ghax fil-kaz ta' proprjeta' tal-Gvern din tinkera fil-kuntest ta' *social housing* filwaqt li proprjeta' privata tinkera ghal skopijiet totalment differenti. Mela r-regoli ma jistghux ikunu l-istess.

9. Barra minn hekk lanqas biss gie indikat xi bazi ta' diskrimininiazzjoni taht l-Artikoli 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.

10. L-esponenti jsostnu li l-istess Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ma japplikax ghal kaz odjern stante li r-rikorrenti ser jigu zgumbrati mill-fond mhux minhabba wiehed mill-kriterji elenkati taht l-istess Artikolu, izda ghaliex m'ghandhomx titolu validu fuq il-fond soggett ghall-izgumbrament.

Isegwi ghalhekk li t-tieni parti tal-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

11. Skont ir-rikorrenti l-izgumbrament huwa ndhil fil-*possessions* taghhom.

12. L-esponenti jirribattu illi kif jghid tajjeb l-awtur Michael O`Boyle *"for there to be a deprivation of his property, the applicant must, of course, demonstrate that he has a title to it"*, li certament mhux il-kaz odjern, ghalhekk l-okkupazzjoni bla titolu tar-rikorrenti ma tista' qatt taghti lok ghal titolu favur il-possessuri anke skont il-ligi Maltija (Artikolu 527 tal-Kodici Civili).

13. Konsegwentement l-agir tal-esponent Kummissarju tal-Artijiet mhux qed icahhad lir-rikorrenti mill-possediment ta' fond li mill-bidu nett qatt ma kellu titolu ghalih.

14. Kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost anke jekk kontra kull aspettativa kellu jigi dikjarat minn din l-Onorabbli Qorti li kien hemm interferenza min-naha tal-Istat fit-tgawdija tal-possedimenti tar-rikorrenti, xorta din l-interferenza ghandha tigi meqjusa gustifikabbli taht it-tieni paragrafu tal-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokol stante li l-uzu tal-fond huwa mehtieg fl-interess generali.

Isegwi ghalhekk li t-tielet parti tal-ewwel talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**<u>Ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea</u>**

15. Ir-rikorrenti qed isostni li l-agir tal-Kummissarju tal-Artijiet qed ifixkilhom fid-drittijiet tal-hajja familjari u *"tad-dar taghhom"*.

16. L-ewwel nett jigi rilevat illi r-rikorrenti ma jistghu qatt jirreferu ghall-fond in kwistjoni bhala *"d-dar taghhom"*. Il-fond huwa proprjeta' tal-Gvern moghti b'kirja lill-genituri tar-rikorrenti, liema kirja ilha terminata sa mill-31 ta' Marzu, 2005, u l-unika kerreja li kellha titolu validu fil-ligi fuq il-fond fil-mument tat-terminazzjoni tal-kirja u cioe` Salvina Camenzuli ilha zmien tghix f`akkomodazzjoni alternattiva li giet provduta lilha mill-Gvern stess.

17. Inoltre lanqas jista' jinghad li l-Gvern qed icahhad lir-rikorrenti milli jezercita d-dritt ta' hajja familjari band`ohra. Tant hu hekk illi minkejja li r-rikorrenti m'ghandhom ebda titolu validu il-Gvern xorta diga` offrilhom xi erba` jew hames akkomodazzjonijiet alternattivi fosthom apartament gdid fjamant pero` r-rikorrenti baqghu jirrifjutaw dawn l-offerti.

Isegwi ghalhekk li t-tieni talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

**<u>It-talba ghal Danni jew ghal rimedju iehor</u>**

18. In vista tas-suespost hadd mill-esponenti ma vvjola xi dritt fundamentali tar-rikorrenti ghalhekk jirrespingu kull talba ghal danni jew rimedju iehor bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.
Ghaldaqstant filwaqt li l-esponenti jinsistu li r-rikorrenti qed jaghtu nterpretazzjoni ghal kollox zbaljata tal-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta, jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom, kif ukoll sabiex tirrevoka d-digriet taghha tat-18 ta' Mejju, 2005 fejn issospendiet l-ordni ta' zgumbrament fil-konfront tar-rikorrenti u dan sabiex l-esponent Kummissarju tal-Artijiet ikun jista' jesegwixxi tali ordni skont il-ligi.

**Is-sentenza appellata**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-23 ta' Marzu, 2007 bil-mod segwenti:
*"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti, pero` tilqa` it-tieni talba taghhom u tiddikjara bhala nulla u bla effett u tikkancella l-ordni tal-Kummissarju tal-Artijiet mahruga fil-konfront tar-rikorrenti fil-5 ta' Mejju, 2005, u tpoggi lill-partijiet fil-pozizzjoni li kienu qabel il-hrug ta' dik l-ordni; oltre dan, din il-Qorti ma tarax li, fic-cirkustanzi, hemm lok ta' hlas ta' xi danni a favor ir-rikorrenti.*

*L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet."*

Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi l-meritu ta' din il-kawza huwa simili ghall-meritu tar-rikors kostituzzjonali numru 5/2005 fl-ismijiet "Emanuel Camilleri u martu Mary vs Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali" li gie deciz mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April, 2006. F`dawk il-proceduri r-rikorrenti kienu wkoll talbu dikjarazzjoni li l-provedimenti tal-Kap. 228 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Zgumbrament

minn Artijiet), u in partikolari l-artikolu 3 tieghu, jivvjola l-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni Ewropea, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-istess Konvenzjoni, u ghalhekk huwa null u bla effett. F`dik il-kawza, ghalkemm din il-Qorti kienet qablet mat-tezi tar-rikorrent, u iddikjarat l-artikolu in kwistjoni null u bla effett, l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha fuq imsemmija, kienet irrevokat is-sentenza ta' din il-Qorti, u ikkonkludiet li l-Kapitolu tal-ligi in kwistjoni ma jivvjolax id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u dan peress li l-ordinament guridiku malti jipprovdi metodu ta' kontestazzjoni ta' kull ordni mahruga taht dik il-ligi mill-Kummissarju tal-Artijiet. Fil-paragrafu 8 tad-decizjoni taghha, dik l-Onorabbli Qorti osservat hekk fir-rigward;

"*Kif inghad, meta persuna tircievi ordni taht l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228 hija tista', jekk temmen li verament ghandha dritt ossia titolu fuq l-art in kwistjoni, titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u tipprocedi kif aktar 'l fuq imfisser. Il-possibbilita` ta' dan ir-rimedju, b'ezami shih tal-fatti kollha u tal-ligi minn Qorti imparzjali w indipendenti, ikun ifisser li hemm dritt ta' access ghall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u f`dan is-sens hija d-decizjoni tal-Qorti ta' Strasbourg fil-kawza fl-ismijiet* ***Oerlermans vs Netherlands***"*.*

"Din il-Qorti, ghalhekk, taghmel ampia riferenza ghall-konsiderazzjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza indikata, rikors numru 5/2005, u ghall-dawk l-istess konsiderazzjonijiet tiddikjara li l-Kap.228 tal-Ligijiet ta' Malta ma jivvjolax id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem, u b'hekk, tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti.

"L-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha, osservat ukoll, pero`, li biex cittadin ikollu verament l-opportunita` li jikkontesta ordni mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet, irid jinghata zmien bizzejjed biex jaghmel dan, u kwindi z-zmien ta' bejn l-ghoti ta' avviz ta' zgumbrament u l-inforzar ta' dik l-ordni ma ghandux ikun wiehed qasir. Dik l-Onorabbli Qorti osservat illi:

"*Fil-kaz in dizamina wkoll wiehed ghandu jippretendi li jkun hemm bilanc gust bejn l-interessi tas-socjeta` --- rappresentati mill-Kummissarju --- li art li allegatament persuna m'ghandhiex titolu fuqha tigi lura f`idejn l-Istat minghajr dewmien inutili, u l-interessi ta' min jippretendi li ghandu titolu fuq dik l-art li jkollu opportunita` ragjonevoli li jikkawtela dak it-titolu, kontestat lilu mill-Kummissarju, billi jirrikorri quddiem il-Qorti*".

"F'dik il-kawza, kien jirrizulta li l-okkupant kien inghata tlieta jew erba` ijiem biss cans biex jikkontesta l-ordni ta' zgumbrament mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet fil-konfront tieghu, u l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali qalet li tali terminu *"hu manifestat irrizorju biex persuna tkun mistennija tipprocedi gudizzjarjament biex twaqqaf l-ezekuzzjoni ta' dak l-ordni billi tipprova t-titolu taghha"*. Ghalhekk, dik l-Onorabbli Qorti ikkunkludiet illi:

"*Fil-kaz in dizamina, id-dritt tal-appellati ghal access ghal Qorti, garantit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, gie lez mhux bl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 228 ut sic izda bil-mod ta' kif il-Kummissarju tal-Artijiet ghazel li jipprocedi u japplika dana l-artikolu fil-kaz konkret*".

"Dik l-Onorabbli Qorti ma semmietx kemm ghandu jitqies zmien ragjonevoli li ghandu jinghata lic-cittadin milqut b'ordni simili, pero`, b'referenza li ghamlet ghall-emendi li gew effettwati fl-artikolu 466, 467 u 468 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (li skont dik l-Onorabbli Qorti jaghtu *"indikazzjoni tat-triq li tista' tigi segwita"*), jidher li jekk jinghata terminu ta' 20 gurnata (kif issa jinghata f`dawk l-artikli), tali zmien ikun ikkunsidrat meqjus u ragjonevoli. Din il-Qorti tara li terminu ta' 20 jum huwa gust u m'ghandux ikun ta' anqas minn hekk. Wara kollox terminu ta' 20 jum huwa moghti lill-konvenut f`kawza biex iressaq il-kontestazzjoni tieghu ghat-talbiet tal-attur imressqa fil-konfront tieghu, huwa moghti wkoll lill min ihossu aggravat b'sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex minnha jressaq appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell. Kwindi hu terminu gust biex persuna milquta b'ordni ta' zgumbrament mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet tikkontesta l-istess ordni.

“Fil-kaz meritu ta’ din il-kawza, jirrizulta li l-post in kwistjoni kien inkera lil Salvina Camenzuli, wara l-mewt ta’ zewgha, fl-10 ta’ April, 1997. Fil-15 ta’ Dicembru, 2004, din giet infurmata li l-kirja ma kienetx se tigi mgedda wara l-31 ta’ Marzu, 2005. Salvina Camenzuli kif ukoll zewgt itfal bniet taghha accettaw akkomodazzjoni alternattiva, hargu mill-fond in kwistjoni u iffirmaw ftehim gdid ta’ kirja. Ir-rikorrent Charles Camenzuli ma accettax li johrog mill-fond meritu ta’ din il-kawza u baqa` joqghod fid-dar flimkien ma` martu. Fil-5 ta’ Mejju, 2005, ir-rikorrenti gew servuti b’ordni ta’ zgumbrament skont il-Kap. 228, u gew moghtija seba` tijiem sabiex johorgu mid-dar.

“Din il-Qorti tara li terminu ta’ seba` tijiem hu qasir wisq u mhux ragjonevoli biex dak li jkun jikkonsulta ruhu u jibda l-proceduri appositi biex jattakka l-ordni tal-Kummissarju tal-Art. Kif jinghad fil-ktieb ta’ Harris & Warbrick, *“Law of the European Convention on Human Rights”* (Butterworths, 1995 Ed.) f`pagna 198:

“*to be effective, the right of access also requires that a person be given personal and reasonable notice of an administrative decision that interferes with his civil rights and obligations so that he has time to challenge it in court*”.

“Gia intwera, li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, iz-zmien moghti ghandu jkun, tal-anqas, ta’ 20 jum, biex dak li jkun jipprepara il-kaz tieghu ghal quddiem il-Qrati. Mhux rilevanti li l-intenzjoni li tigi terminata l-kirja giet manifestata mill-Awtoritajiet kompetenti xhur qabel (b’ittra tal-15 ta’ Dicembru, 2004), ghax intima li l-kirja mhux se tiggedded mhux l-istess bhal ordni ta’ zgumbrament fi zmien seba` tijiem! Tal-ewwel taghti x`tifhem li, f`kaz ta’ kontestazzjoni, l-kaz jitressaq il-Qorti ghal decizjoni, pero`, it-tieni ma thallhiex lok ghal dan, ghax hi ordni ezekuttiva b’sahha ta’ ligi li taghti lill-Kummissarju tal-Art l-poter li anke juza l-assistenza tal-Pulizija Ezekuttiva biex jizgombra mill-fond lil kull min isib in okkupazzjoni. Ir-rikorrenti kellhom jinghataw il-possibbilita` li jimpunjaw dik l-ordni mahruga skont l-Att tal-1972 dwar Zgumbrament

minn Artijiet; dan, f`dan il-kaz, ma inghatax. Minkejja l-fatt li jidher li l-Kummissarju ma hax passi immedjati biex jizgombra lir-rikorrenti, iz-zmien moghti hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, irrizorju u mhux ragjonevoli biex wiehed jistenna li r-rikorrenti jipprocedu gudizzjarjament biex iwaqqfu l-ezekuzzjoni ta' dak l-ordni.

"Din il-Qorti mhux se tidhol fil-meritu tat-titolu pretiz mir-rikorrenti, peress li din il-kwistjoni li tkun trid tigi mistharga mill-Qorti kompetenti, jekk u meta ir-rikorrenti jinghataw zmien bizzejjed biex jikkontestaw xi ordni amministrattiva li tista' tohrog fil-futur fil-kuntest tal-okkupazzjoni taghhom fil-fond in kwistjoni."

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti Carmel u Helen konjugi Camenzuli hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentati fid-29 ta' Marzu, 2007, talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha:
1) tirrevoka d-digriet interlokutorju tal-21 ta' Dicembru, 2006 u minflok tilqa' r-rikors tal-20 ta' Dicembru, 2006, u fil-mertu tilqa' t-talba li kien hemm ukoll vjolazzjoni tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

2) Joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) tikkonfermaha fejn sabet ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tibdilha fejn cahdet il-kumplament tal-ewwel talba, billi hekk tilqa' l-ewwel talba fl-interezza taghha, u tibdilha dwar il-kap tal-ispejjez billi tordna li l-intimat ihallsu l-ispejjez tal-kawza,

(b) tirriformaha ukoll billi tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-agir tal-kummissarju intimat kollu kemm hu jivvjola l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk tiddikjara bhala rimedju l-agir kollu tal-Kummissarju intimat li johrog jew jipprova johrog lill-esponenti mid-dar residenzjali bhala kontra l-istess artikolu,

(c) tirrevokaha dwar ic-cahda ghat-talba ghad-danni, u minflok taghti kull rimedju opportun, u dan stante l-ampjezza tal-poteri li ghandha din l-Onorabbli Qorti halli tissana definittivament l-ksur tad-drittijiet fondamentali.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

L-intimati Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali ntavolaw risposta ghar-rikors tal-appell tar-rikorrenti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu c-cahda tar-rikors tal-appell billi din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rikors tal-appell intavolat mir-rikorrenti jidher li dawn qed jilmentaw mhux biss minn diversi aspetti fil-mertu tas-sentenza appellata izda, in linea perliminari, qeghdin jilmentaw ukoll mil-fatt li l-ewwel Qorti kienet cahdet it-talba taghhom maghmula b'rikors tal-20 ta' Dicembru, 2006. Dak inhar kienu talbu "*Illi mal-kawzali u mat-talbiet ghandu jizdied li l-azzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet tivvjola wkoll l-Art. 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u li jigi dikjarat konformement ma' din it-talba addizzjonali".* Fl-imsemmi rikors kien gie spjegat li t-talba kienet saret "*mehtiega peress li wara li l-esponenti ezaminaw is-sentenza Connors gja citata fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, ikun xieraq li fuq l-istess skorta tas-sentenza imsemmija, l-ilmenti jigu ezaminati wkoll minn dan l-aspett*"*.* Dik it-talba kienet saret bis-sahha ta' dak li kien gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "*Joseph Debono Grech v. Albert Mizzi et tal-11 ta' Frar 1991*" li kopja taghha giet annessa mal-imsemmi rikors.

It-talba msemmija giet michuda b'digriet tal-21 ta' Dicembru, 2006 billi l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed tichad l-istess "*Peress li l-kawza hija differita ghas-sentenza.*"

Qabel ma jigi kunsidrat il-mertu jkun xieraq li jigi trattat dan l-aggravju billi, f'kaz li dan l-aggravju jirrizulta

gustifikat, l-atti jkunu jridu jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-konsiderazzjoni tal-lanjanza bazata fuq l-Artikolu1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

L-appellanti jissottomettu fir-rigward li (a) fil-premessi tar-rikors promotur huma kienu nkludew vjolazzjoni tal-Art. 1 tal-Ewwel Protokol "*ghalkemm it-talbiet ma kienux jirrispekkjaw specifikatament tali talba.*" (b) illi skont il-gurisprudenza "*ma hemm xejn barra minn loku li tizdied talba*" (c) illi kemm-il darba t-talba kellha tintlaqa' ma kenitx se tbiddel mill-azzjoni fiha nfisha.

Il-kontro-parti qed jirrezistu l-akkoljiment ta' dan l-aggravju billi fir-risposta taghhom jirribattu li l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tichad it-talba kontenuta fl-imsemmi rikors billi kienet "*ferm tardiva"* u cioe' "*wara li l-partijiet kienu ilhom li ghalqu l-provi u ghamlu s-sottomissjonijiet u fi stadju meta l-kawza giet differita ghas-sentenza."* Qed jigi sottomess ukoll li ma kien hemm xejn x'jizomm lir-rikorrenti li jressqu t-talba taghhom fir-rikors promotur jew fi stadju opportun tal-kawza specjlament meta l-kawza Connors kienet deciza xi sentejn qabel ma gie ntavolat ir-rikors.

**Ikkunsidrat:**

Huwa opportun hawn li jigi riprodott dak li din il-Qorti, kif dak inhar komposta, kient qalet in materja fis-sentenza tal-11 ta' Frar, 1991 fil-kawza fl-ismijiet "L-Onorevoli Joseph Debono Grech v. Albert Mizzi u Alfons Caruana et":-
"*Fl-ahharnett l-ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet ukoll illi n-numru 3(1) tar-Regolamenti tal-Qorti tal-1964 pubblikati bl-Avviz Legali numru 48 tal-1964 ma jippermettulhiex li tezamina wkoll l-ilment tar-rikorrenti – maghmul wara li pprezenta r-rikors tieghu, imma fil-mori tal-kawza – a bazi tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.*

*"Din il-Qorti diga kellha okkazzjoni li tezamina din ir-restrizzjoni u ddecidiet illi dak ir-regolament, jekk ma jigiex rispettat, ma jimporta ebda nullita' tal-proceduri –*

*Riferenza Kostituzzjonali Numru 189/88 – 24 ta' Jannar 1991 "Il-Pulizija vs Carmelo sive Charles Ellul Sullivan".*

*"Il-Qorti tqis illi, sakemm id-drittijiet tal-intimati jigu* salvagwardati, u sakemm jigu evitati sorprizi, f'procedura *kostituzzjonali jkun totalment inutili u kontra kull principju ta' ekonomija u effikacja tal-gudizzju – li min qed jilment minn lezjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali tieghu – jigi mgieghel li jimmultiplika r-rikorsi, billi ma jkunx semma' l-artikoli tal-Kostituzzjoni li jidhirlu li gew miksura fil-konfront tieghu, li jippreciza fil-kwadru kostituzzjonali, dak li jkun qed jilmenta minnu, allavolja jkun qed jipprocedi permezz ta' rikors, cjoe` f'wahda mill-mezzi l-aktar informali w imprecizi konsentiti mill-procedura gudizzjarja; liema ezigenza hafna drabi, tfisser li l-addizzjoni ghar-rikors issir f'forma skritta w anki dettaljata, skont ma jkun mehtieg.*"

F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghar-Regoli Dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni mahruga in forza tal-Avviz Legali 279 tal-2008 kif emendat bl-Avviz Legali 333 tal-2008 fejn, fit-Taqsima 1 – Il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati fi kwistjonijiet Kostituzzjonali insiebu is-segwenti:

2. Il-procedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li jsiru skont l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skont l-artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-procedimenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-kazijiet imsemmija fl-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghandhom jinbdew permezz ta' rikors.

3. (1) Rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghandu jkun fih, b'mod konciz u car, il-fatti li minnhom jinholoq l-ilment u ghandu jsemmi d-disposizzjoni jew disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali li jkun allegat li jkunu gew, li jkunu qed jigu jew li jkunu x'aktarx ser jigu miksura.

(2) Ir-rikors ghandu jispecifika wkoll ir-rimedju mitlub mir-rikorrent: Izda l-Qorti tkun tista', jekk ir-rikors jigi milqugh, taghti kull rimedju iehor fil-gurisdizzjoni taghha li tkun tqis bhala aktar xieraq.

Omissis.

5 Rikors li ma josservax is-subregoli (1), (2), (3) u (4) ma jkunx null; izda l-qorti tista', f'kull kaz, tordna lir-rikorrent li jipprezenta, f'dak iz-zmien li l-Qorti tistabilixxi, nota li jkun fiha l-partikolaritajiet mehtiega u l-ispejjez ta' dak l-ordni ghandu jbatihom ir-rikorrent.

7. Barra minn dak li huwa mahsub mod iehor f'dawn ir-regoli, id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, minn hawn 'il quddiem imsejjah 'Il-Kodici', u ta' kull legislazzjoni sussidjarja maghmula bis-sahha tal-Kodici ghandhom japplikaw *mutatis mutandis* ghal procedimenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti Kostituzzjonali imsemmija fir-regola 2.

Illi l-Artikolu 175 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi hekk:-
(1) Il-qorti tista', <u>f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza</u>, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna ………….. illi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, <u>sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni</u> jew l-eccezzjoni fuq il-mertu tal-kawza.

Minn dan kollu din il-Qorti tifhem li l-legislatur irid, anke biex jigu evitati proliferazzjonijiet ta' kawzi kif inghad fis-sentenza "Debono Grech" li l-Qorti ghandha tippermetti dawk il-korrezzjonijiet kollha dement li dawn ma jbidlux fis-sustanza l-azzjoni u dan f'kull zmien qabel is-sentenza minghajr limitu.

Fil-kaz in ezami jidher li fil-premessi tar-rikors promotur kienet saret referenza specifika ghal lezjoni taht l-Artikolu

1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea nkwantu fil-paragrafu 4 jinghad li "L-izgumbrament huwa indhil fil-*possessions* taghhom, u dan mhux bil-mod u bil-kwalitajiet previsti mill-istess Konvenjoni." Jigi osservat ukoll fir-rigward li fir-risposta tal-intimati Kummissarju tal-Artijiet u l-Avukat Generali, ghalkemm l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol ma jissemmiex espressament fit-talbiet fir-rikors promotur, l-istess intimati jittrattaw dan l-ilment in estenso fil-paragrafi 11 sa 14 tar-risposta taghhom.

Minn dan jidher li t-talba tar-rikorrent kif kontenuta fir-rikors tal-20 ta' Dicembru, 2006 ma setghet qatt tissorprendi lill-kontro-parti billi dawn sa mill-bidu nett ikkonsidaraw dan l-ilment bhala formanti parti mill-gravami tar-rikorrent. Inoltre dan ifisser ukoll li l-akkoljiment tat-talba kontenuta fl-imsemmi rikors bl-ebda mod ma kienet ser tbiddel "*is-sustanza tal-azzjoni*" u ghalhekk permessibbli fil-kuntest tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ahharnett jinghad li mkien ma nsibu li t-tardivita` tat-talba hi meqjusa bhala raguni valida biex dik l-istess talba tigi michuda, infatti l-Art. 175 fuq citata jghid espressament li "*Il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza ……*" Din il-Qorti ghalhekk ma tara ebda raguni valida l-ghala t-talba tar-rikorrent giet michuda u konsegwentement l-appell, limitatament fuq dan l-aggravju ser jigi akkolt. Jibqghu pero` impregudikati l-aggravju l-ohra imressqa mir-rikorrent appellant.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant billi filwaqt li tirrevoka d-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-21 ta' Dicembru, 2006 tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors tar-rikorrenti Camezuli tal-20 ta' Dicembru, 2006 u konsegwentement tordna li r-rikors promotur tat-18 ta' Mejju, 2005 jigi korrett billi, jzdied il-paragrafu numerat bin-numru 3 fit-talbiet tar-rikorrent bil-kliem "*li l-azzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Artijiet tivvjola wkoll l-Art 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea*", u tordna wkoll li l-paragrafi sussegwenti jigu rinumerati bin-numri (4) u (5). In vista ta' dan din il-Qorti ma tarax l-utilita` li tezamina l-appell fil-mertu li jibqa' impregudikat. Ghalhekk tordna li l-atti tal-kawza jergghu jintbghatu lura

quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi kunsidrat l-aggravju addizzjonali hawn fuq imsemmi.

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------